

It-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord bastimenti

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord bastimenti (2006/2054(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002, dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fid-dawl tal-Politika Komuni dwar is-Sajd¹,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord bastimenti²,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-27 ta' Marzu 2003 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord bastimenti³,
 - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-operat tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord bastimenti (COM(2005)0700),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0263/2006),
- A. Billi qies l-informazzjoni li tinsab fir-rapport tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq,
- B. Billi qies l-informazzjoni ta' kwalità fqira ħafna mogħtija mill-Istati Membri dwar l-attivitajiet tal-flotot tagħhom fir-rigward tal-"finning" (tneħħija u żamma abbord tax-xwiek tad-dar tal-klieb il-baħar, filwaqt li l-bqija tal-kelb il-baħar jintrema' lura fil-baħar),
- C. Billi r-rapporti xjentifiċi ppreżentati lill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u tal-Kumitat Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku (ICCAT), li jikkonfrontaw, għal ċertu speċi determinati, il-proporzjon ta' 5% ta' ekwivalenza bejn it-toqol tax-xewka u t-toqol tal-ġisem, u li għalihom jagħmel referenza r-rapport tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq,
- D. Billi huwa konxju, madankollu, tal-verifiki li jsiru fil-flotot tas-sajd ta' l-Istati Uniti kif ukoll dawk Kanadiżi, skond liema verifiki, meta jinqatgħu x-xewk tal-klieb il-baħar *Prionace glauca* b'mod nadif, mingħajr laħam jew qarquċa magħha, il-piż tax-xewka ma jaqbiżx l-4% tal-piż ta' l-animall; billi jekk ix-xewk ma jitnaddafx sew mil-laħam, il-prezz medju għal kull kilo li jlaħħqu il-konsenji Ewropej fis-suq ta' Hong Kong huwa inqas minn dak li jitħallas għall-konsenji li jiġu mill-Istati Uniti,

¹ ĠU L 358, 31.12.2002, p.59.

² ĠU L 167, 4.07.2003, p.1.

³ ĠU C 62 E, 11.3.2004, p.156.

- E. Billi, fil-każ konkret tal-*Prionace glauca*, il-persentaġġ massimu ta' 5% tal-piż bejn ix-xewka u l-ġisem ma jaqbilx mal-morfoloġija tiegħu minħabba li hu kelb il-baħar pelaġiku, u dan qed johlqoq diffikultajiet mhux neċessarji lill-flotta tal-konz Komunitarja biex tirrispetta l-liġijiet tas-settur tas-sajd,
1. Jifraħ lill-Kummissjoni għar-rapport ċar u konċiż ippreżentat;
 2. Jaqbel mal-Kummissjoni fl-apprezzament tagħha tal-fatt li r-Regolament (KE) Nru 1185/2003 qed jilħaq l-għanijiet tiegħu, u jħeġġiġha biex tkompli s-superviżjoni ta' l-applikazzjoni tiegħu, ibbażata fuq ir-rapporti annwali ta' l-Istati Membri jew kwalunkwe informazzjoni oħra pertinenti;
 3. Jiddispjaċih, madankollu, li mhux l-Istati Membri kollha qed jonoraw b'mod rigoruż l-obbligi ta' kontroll fuq il-bastimenti tagħhom, kif ukoll l-obbigi li jagħtu r-rapporti obbligatorji; jitlob lill-Kummissjoni biex toqgħod attenta sabiex dawk l-obbligi jiġu onorati mingħajr eċċezzjoni;
 4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tippreżenta, fl-ambitu internazzjonali, proposti ta' miżuri simili, ibbażati dejjem fuq ir-rapporti xjentifiċi korrispondenti, bil-għan li jirnexxilha tadotta regolamenti speċifiċi fl-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd li jirregolaw l-ispeċi li huma migratorji ħafna;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tressaq quddiem il-Parlament u l-Kunsill, proposta għal emenda tar-Regolament (KE) Nru 1185/2003, wara reviżjoni komprensiva mill-Kummissjoni ta' studji xjentifiċi dwar il-proporzjon bejn ix-xewk u l-karkassi tal-klieb il-baħar li jkunu rappreżentattivi tal-firxa wiesgħa ta' l-ispeċi tal-klieb il-baħar Ewropej u tal-flotot tas-sajd li jaqbd u l-klieb il-baħar; jirrakkomanda li, sakemm tkun tlestiet din ir-reviżjoni, m'għandhomx jiġu proposti żiediet fil-proporzjon bejn ix-xewka u l-karkassa;
 6. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fi żmien sitt xhur, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal emenda tar-Regolament (KE) Nru 1185/2003, konformi mal-maġġoranza ta' studji xjentifiċi dwar il-proporzjon bejn ix-xewk u l-karkassi tal-klieb il-baħar, inkluż il-ħuta kaħla (blue shark - *Prionace glauca*), li jikkonkludi li proporzjon ta' 5% bejn ix-xewk u l-piż imnaddaf (madwar 2.0% tal-piż ħaj) hu limitu massimu xieraq għal sajd imħallat ta' klieb il-baħar;
 7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta modifika tar-Regolament (KE) Nru 1185/2003, bil-għan li jiġu ffaċċjati l-problemi tat-twettiq marbuta ma' l-obbligi li x-xewk u l-iġsma tal-klieb il-baħar jiġu żbarkati f'portijiet differenti;
 8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar ta' l-2009, dwar l-operat kontinwu ta' dan ir-Regolament u r-Regolamenti li jimmodifikawh, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi li jkun hemm f'dan il-qasam fuq l-iskala internazzjonali, u li min-naħa tagħha, tippreżenta proposti ta' modifika rilevanti għall-imsemmi Regolament;
 9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2007, pjan ta' azzjoni komunitarju għall-konservazzjoni tal-klieb il-baħar u tat-tjur tal-baħar, b'konformità mal-Komunikazzjoni (COM(2006)0216) bit-titolu "Inwaqqfu t-telf tal-biodiversità sa' l-2010 - u aktar";

10. Jagħti iŋstruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.